

X'INHU L-GĦAN TAD-DIRETTIVA?

Din tfittex li tiproteġi lill-kummerċjanti minn reklamar qarrieqi minn negozji oħra (jiġifieri B2B) li huwa ekwivalenti għal **prattika kummerċjali żleali**. Għal dan il-għan, hija tiddetermina l-kundizzjonijiet li taħthom huwa awtorizzat ir-reklamar komparattiv.

PUNTI EWLENIN

Ir-reklamar qarrieqi

Ir-reklamar li jqarraq jew jista' jqarraq bil-persuni li jirċevuh huwa pprojbit. In-natura qarrieqa ta' dan ir-reklamar tista' taffettwa l-imġiba ekonomika tal-konsumaturi u l-kummerċjanti, jew tista' tkun detrimental għal kompetitur.

In-natura qarrieqa tar-reklamar tiddependi fuq sett ta' kriterji:

il-karatteristiċi tal-merkanzija jew is-servizzi (id-disponibbiltà, in-natura jew il-kompożizzjoni, il-metodu ta' manifattura jew provvista, l-orijini eċċ.), ir-riżultati li huma mistennija mill-użu tagħhom u r-riżultati tal-kontrolli tal-kwalità mwettqa;

il-prezz jew il-mod kif huwa kkalkolat il-prezz;

il-kundizzjonijiet li jirregolaw il-provvista tal-merkanzija jew is-servizzi;

in-natura, l-attributi u d-drittijiet ta' min jagħmel ir-reklam (l-identità u l-assi tiegħu, il-kwalifiki u l-pussess ta' drittijiet ta' proprjetà intellettuali, eċċ.).

Reklamar komparattiv

Ir-reklamar komparattiv jagħmel referenza espliċitament jew b'deduzzjoni għal kompetitur jew merkanzija jew servizzi konkorrenti.

Dan it-tip ta' reklamar huwa permess biss meta ma jkunx qarrieqi. Jista' jkun mezz leġittimu biex il-konsumaturi jiġu infurmati dwar dak li huwa fl-interess tagħhom. B'hekk, b'mod partikolari, il-paraguni għandhom:

ikunu relatati ma' merkanzija jew servizzi li jissodisfaw l-istess bżonnijiet jew ikunu intiżi għall-istess skop;

ikunu relatati ma' prodotti bl-istess denominazzjoni ta' orijini;

jitrattaw fatturi materjali, rilevanti, verifikabbli u rappreżentattivi ta' din il-merkanzija jew is-servizzi b'mod oġġettiv, li jistgħu jinkludu l-prezz;

jevitaw il-hoġkien tal-konfużjoni bejn il-kummerċjanti, u m'għandhomx jiskreditaw, jimitaw jew jieħdu vantaġġ mit-trade mark jew l-ismijiet kummerċjali ta' kompetitur.

Rikors

Il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea (UE) iridu jiżguraw li dawk il-persuni jew l-organizzazzjonijiet b'interess leġittimu jistgħu jressqu każ quddiem qorti jew jippreżentaw appell amministrattiv kontra r-reklamar illeċitu;

Għalhekk, il-qrati jew il-korpi amministrattivi mill-pajjiżi tal-UE jridu jkun jistgħu:

jordnaw l-irtirar tar-reklamar illeċitu, anki fin-nuqqas ta' prova ta' telf effettiv, ħsara jew ta' intenzjoni ta' negliġenza; jew

jipprojbixxu r-reklamar illeċitu li jkun għadu ma' ġieħ ippubblikat.

META TAPPLIKA D-DIRETTIVA?

Din ilha tapplika mit-12 ta' Diċembru 2007. Din id-direttiva [tikkodifika](#) u tirrevoka d-Direttiva [84/450/KEE](#), li l-pajjiżi tal-UE kellhom jinkorporaw fil-liġi nazzjonali sal-1 ta' Ottubru 1986.

SFOND

Għal aktar informazzjoni, ara:

"Reklamar qarrieqi" fuq is-sit elettroniku tal-Kummissjoni Ewropea

DOKUMENT EWLIENI

Direttiva [2006/114/KE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar reklamar qarrieqi u komparattiv (verżjoni kodifikata) (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 21–27).

L-aħħar aġġornament: 08/08/2018

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviżi legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.